# MALTA

## DEBATES TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

*(Rapport Ufficjali u Rivedut)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 554**

**It-Tnejn, 18 ta' Ġunju, 2001**

**Stampat fl-Ufficcju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 554**

**It-Tnejn, 18 ta' Ġunju, 2001**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fil-Kamra tal-Parlament, il-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.09 p.m.**

**Talba**

# ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR SOĊJETAJIET KOPERATIVI

## *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*L-Ordni għat-tieni qari ġie moqri*
*Il-mistoqsija reġgħet tqegħdet*
*Ikompli mit-13 ta' Ġunju 2001*

**MR SPEAKER:** Aktar rimarki? Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT(Kap ta' l-Oppożizzjoni):** Meta niġu biex nitkellmu fuq il-koperattivi, ma naħsibx li għandna nitkellmu biss fuq il-fatturi istituzzjonali li jmexxu s-settur tal-koperattivi - sar kemm -il diskors matul dan id-dibattitu fuq il-proposti li qed jagħmel il-gvern dwar bidliet istituzzjonali f'dan il-qasam – imma naħseb li rridu nirriflettu ftit ukoll fuq il-kondizzjonijiet ekonomiċi li fihom qed jaħdmu jew jistgħu jaħdmu l-koperattivi u kif dawn jistgħu jimxu 'l quddiem.

Ngħid il-verita` ma kellix ħsieb nitkellem, iżda mbagħad smajt lis-segretarju parlamentari jitkellem fuq ċerti affarijiet li sibna aħna ta' l-oppożizzjoni meta ltajqna ma' xi operaturi fil-qasam tat-trobbija tat-tiġieġ u l-bajd u anke dawk tal-laħam tal-majjal. Smajt il-mod li rreaġixxa bih l-Onor. Edwin Vassallo għal dak li sibna aħna u anke jekk sħabi diġa' tkellmu f'dan ir-rigward, ħsibt li tajjeb ngħid xi ħaġa jien ukoll. Għax jekk nixtiequ li s-settur tal-koperattivi jikber, irridu nidentifikaw l-oqsma ekonomiċi fejn għandu l-aktar ċans li dan is-settur jespandi u ċertament wieħed minn dawn l-oqsma huwa dak tal-produzzjoni tal-laħam. Hemmhekk ma tridx tistaqsi sempliċement jekk il-qafas istituzzjonali huwiex adatt u jekk il-liġi toffrix xi skop ħalli jitwaqqfu strutturi ta' koperattivi adatti, imma trid tistaqsi wkoll jekk l-istrutturi ekonomiċi li fuqhom se jkunu qed jaħdmu dawn il-koperattivi joffrux tabilħaqq skop biex ikun hemm progress u biex ikun hemm potenzjal.

Nerġa' ngħid li fost l-aktar oqsma fejn ikun hemm dan l-iżvilupp hemm dak tal-produzzjoni ta' l-ikel, tal-laħam, tal-bajd, il-produzzjoni tal-laħam tat-tiġieġ u tal-majjal u eventwalment ukoll il-produzzjoni ortikulturali, jiġifieri dik marbuta mal-biedja. Dawn l-oqsma joffru skop għal żvilupp fil-koperattivi għax ħafna drabi dawn ikunu azjendi jew intrapriżi bbażati fuq ħidma familjari - fejn għandek per eżempju l-aħwa u t-tfal ta' l-aħwa li jaħdmu flimkien – b'diversi modi kif jimxu 'l quddiem. Jistgħu jibqgħu bħala familja, jistgħu jibqgħu bħala *partnership* sfuż, jistgħu jimxu 'l quddiem biex iwaqqfu kumpannija u anke jistgħu jikkonsidraw - u ma tkunx idea ħażina, aktar u aktar għax ġeneralment issib li jkun hemm tnejn jew tliet familji involuti f'dan is-settur - illi jaħdmu fil-qasam tagħhom bħala koperattivi.

Sur President, hawnhekk irrid nikkritika l-mod kompletament superfiċjali li bih irreaġixxa s-segretarju parlamentari li suppost qiegħed hemm biex jippromwovi l-intrapriżi ż-żgħar. M'hemmx dubju li ħafna mill-koperattivi huma parti mis-settur ta' l-intrapriżi ż-żgħar għal dak li sibna u li tkellimna dwaru fil-qasam tat-trobbija tat-tiġieġ, tal-bajd u tal-majjal, fejn għandna numru kbir ta' nies jaħdmu. Bħalissa għandna ma' l-1500 persuna li jaħdmu fit-trobbija tal-laħam, 800 minnhom nistimaw li huma fit-trobbija tal-majjal u 500 persuna oħra huma mpenjati fit-trobbija tal-laħam tat-tjur. Qed nitkellmu fuq numru sostanzjali ta' ħaddiema. Magħhom ma rridux ninsew dawk il-familji li qed jaħdmu fil-produzzjoni ta' l-*animal feeds*, jiġifieri ġwież għat-tjur, għall-majjali u għall-bhejjem. Hemm ukoll dawk il-ħaddiema li huma mpenjati fl-

ipproċessar ta' dawn il-laħmijiet. Il-punt hu li f'dawn l-oqsma, l-inċertezza bħalissa hija totali u dan jirriżulta mill-applikazzjoni tal-gvern ta' Fenech Adami biex akkost ta' kollox idaħħal lil Malta fl-Unjoni Ewropea. Qed ngħid hekk għax hija ċarissima li sħubija fl-Unjoni se tkun tfisser li dawn l-industriji jridu jibdew japplikaw ir-regoli u l-prezzijiet ta' l-Unjoni.

Lil dawn in-nies tista' toqgħod tgħidilhom li se jkun hemm żmien ta' transizzjoni, li jien ma narahx ġej. Jista' jkun hemm żmien ta' transizzjoni ta' sentejn, tlieta jew erbgħa, pero' xorta waħda se jkun ifisser li dawn l-industriji - ħafna minnhom ċkejkna ħafna u allura adatti għax-xogħol ta' koperativi - se jkunu qishom qed jingħataw injezzjoni letali għax għandhom sentejn, tlieta biex imutu. Qed ngħid hekk għax għandi l-provi u se nikkwota, kif diġa' għamilt anke fil-*media*, informazzjoni li tinsab f'rapporti li għandu l-gvern. Dawn ir-rapporti li ċertament ma sarux mill-Partit Laburista, juru li bl-applikazzjoni tar-regoli u l-liġijiet ta' l-Unjoni f'dawn l-oqsma, għal pajjiżna dan se jkun ifisser li nimportaw mill-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea b'ċertu prezz.

Issa ħafna minn dawn l-azjendi żgħar li jistgħu jkunu koperativi, se jkunu qegħdin f'pożizzjoni li l-prezz tagħhom bilfors ikun ogħla minn dak tal-produzzjoni li tkun ġejja mill-pajjiżi ta' l-Unjoni. Jistgħu forsi jitilfu għal sena jew sentejn imma m'għandhomx futur. Lil dawn l-ażjendi min-naħa qed ngħidulhom biex jinvestu u jkabbru, waqt li min-naħa l-oħra huma jafu li meta jikkalkulaw l-ispiża tagħhom u kemm l-Unjoni se tipprovdi għal ażjendi lokali żgħar jew kbar taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa, m'għandhomx ċans ivinċu. Nerġa' ngħid li dan qed nikkwotah minn rapporti li m'għamilhomx il-Partit Laburista.

Taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa, l-importazzjoni tal-laħam tat-tiġieġ mis-swieq ta' l-Unjoni se tkun bil-prezz ta' *euro* 123.5 għal kull 100 kilo. Issa biex jittrasportaw dawn il-100 kilo lejn Malta, din l-operazzjoni tiġi tiswiehom *euro* 25.8 u meta tgħodd il-prezz tal-produzzjoni u l-prezz tat-trasport, b'kollox allura l-ispiża tal-laħam tat-tiġieġ mill-Unjoni Ewropea għal Malta tiġi *euro* 149.3. Min-naħa l-oħra, taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa l-ispiża tal-produzzjoni f'Malta tal-laħam tat-tiġieġ se tiġi euro 152.6 għal kull 100 kilo. Mela dan diġa' mill-inqas tliet *euro* 3 ogħla għal kull 100 kilo meta mqabbel mal-prezz tat-tiġieġ importati mill-Unjoni, inkluż il-prezz tat-trasport.

Huwa ċar li taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa, meta mqabbla *like with like,* il-produtturi tal-laħam tat-tiġieġ f'pajjiżna se jkunu fi żvantaġġ u m'huma se jkollhom l-ebda protezzjoni. Dan ifisser li dawn m'għandhomx futur għax l-ebda bank m'hu se jagħtihom self jew *overdraft* taħt kondizzjonijiet bħal dawn. Dan m'hux qed jgħidu l-Partit Laburista imma joħroġ minn rapporti li għandu f'idejh il-gvern. Ħalli nitkellem mill-ġdid fuq il-produzzjoni tal-bajd u nqabbel l-applikazzjoni tar-regoli ta' l-Unjoni f'Malta ma kif jiġri fl-Unjoni Ewropea ma effettivament x'jiġri fil-pajjiżi ta' l-Unjoni bir-regoli tagħhom.

Il-prezz fis-swieq ta' l-Unjoni huwa ta' *euro* 103 kull 100 kilo bajd, waqt li l-ispejjeż tat-trasport lejn Malta jiġi *euro* 15.5. Mela b'kollox il-prezz tal-bajd prodott fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea u importat f'Malta taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa jiġi total ta' euro 118.5. Issa l--esperti mqabbdin mill-gvern stess jgħidu li l-prezz tal-bajd prodott f'Malta taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa jiġi *euro* 129.1. Mela l-produzzjoni tal-bajd f'Malta se tiġi disa' *euro* ogħla għal kull 100 kilo li jiġi prodott fl-Unjoni Ewropea u importat f'Malta taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa. Joħroġ ċar li m'hemm l-ebda ċans li l-produttur tal-bajd f'Malta jista' jikkompeti *head-on*, kif ikollu bilfors jagħmel taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa, ma' produttur tal-bajd fl-Italja, fi Franza jew fi Sqallija, li jibgħat prodott tiegħu Malta. L-ebda bank jew ażjenda m'għandhom

inċentiv li jgħinu lill-produttur Malti għax jafu li taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa, il-produttur lokali se jitfarrak b’din il-kompetizzjoni.

Is-sitwazzjoni hija agħar fil-qasam tal-produzzjoni tal-laħam tal-majjal u anke hawn ħafna drabi ssib li min jipproduċi l-majjal ikun f’impriża familjari. Per eżempju, nhar is-Sibt li għadda sħabi u jien konna fejn hemm familja ta' żewġt aħwa li telqu mix-xogħol li kien bena missierhom. Jiġifieri dawn huma żewġ familji u bħalhom hawn numru sostanzjali għax huwa kkalkulat li xi 800 ruħ huma mpenjati f'xi mod jew ieħor fit-trobbija tal-majjal u hawn qasam sħiħ fejn is-settur tal-koperativi jista’, u diġa' beda, javvanza u javvanza bil-kbir. Imma meta nħarsu lejn is-sitwazzjoni taħt kondizzjonijiet ta' sħubija sħiħa, x'se jiġri minn dan is-settur? Hawnhekk mill-ġdid id-dlam huwa lampanti. Se naqra ċ-ċifri li qegħdin f'rapport li kkummissjona l-gvern innifsu u li juri li l-produtturi lokali tal-majjal se jitkissru bil-kondizzjonijiet li se jiġu ffaċjati bihom. Għax għandhom il-kobor u għandhom affarijiet li l-Maltin m'għandhomx, l-Ewropej se jkissruna.  Bil-permess tiegħek, Sur President, se npoġġi dawn iż-żewġ karti li diġa’ tqassmu lill-*media* fuq il-Mejda tal-Kamra.

Mela l-prezz għal kull 100 kilo ta' majjal maħdum fl-Ewropa huwa stmat li jiġi Lm49.85, bl-ispiża tat-trasport lejn Malta tiġi Lm10.99.  Mela b'kollox, b'Malta membru fl-Unjoni Ewropea, il-majjal jasal Malta bil-prezz ta' Lm60.84. Issa l-produzzjoni f'Malta tal-majjal, bil-kundizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri bil-prezz tal-*feeds* u l-affarijiet l-oħra li tesiġi l-Unjoni, huwa stmat li tiġi tilħaq Lm86.07.  Mela l-majjal ta' l-Unjoni Ewropea f’Malta jiġi jiswa Lm60.84 waqt li l-majjal prodott f'Malta jiġi jiswa Lm86.07, differenza ta' Lm26 jew aktar. Ċara li m'hemm l-ebda ċans li l-irziezet lokali tal-majjal se jkunu jistgħu jikkompetu mal-produzzjoni tal-majjal li tkun ġejja mill-Unjoni Ewropea.  Allura taħt il-kondizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tar-regoli ta' l-Unjoni f'pajjiżna, il-qasam lokali tal-produzzjoni tal-majjal m'għandu l-ebda futur.

Mhux talli m'għandu l-ebda futur, talli lil ebda wieħed minn dawn il-produtturi m'huma qegħdin jgħidulhom eżattament x'se jiffaċċjaw. Aħna ma rriduhomx jgħidulna, kif ġew jgħidulna l-Ġermaniżi l-ġimgħa li għaddiet, li jkun hemm perjodu ta' transizzjoni, tagħmel sentejn, tlieta, sakemm l-*injection* toqtlok. Grazzi, iżda *at the end of the day* - jekk verament jistgħu jġibu transizzjoni fuq affarijiet bħal dawn - il-verita' tibqa' dik li hi, *cioe`* li meta napplikaw ir-regoli ta' l-Unjoni fil-qasam tal-produzzjoni tal-majjal, tat-tiġieġ u tal-bajd, fejn nerġa' ngħid hemm ma' l-1500 ruħ jaħdmu, m'hemmx futur għall-industriji lokali u m’hemmx futur għal dawn in-nies.

Aktar minn hekk imbagħad, waħda mill-affarijiet strambi f'dan kollu seħħet fil-qasam ta' dawk l-ażjendi li jipproċessaw il-laħam tal-majjal u laħmijiet oħra, imma l-aktar tal-majjal. Hemm mill-inqas xi ħames ażjendi li m'humiex daqshekk kbar u lil dawn qed jgħidulhom li biex ikomplu jaħdmu u biex jadattaw għall-kondizzjonijiet tekniċi li timponi l-Unjoni,  hemm bżonn jagħmlu investiment ġdid li bejniethom jilħaq mill-inqas Lm14 miljun. Ara x'ġenn!  Qegħdin jgħidu li l-ażjendi li se jipproċessaw il-laħam għandhom bżonn jagħmlu Lm14 miljun biex ikunu jistgħu joperaw, meta fl-istess żmien jafu li dawn l-ażjendi se jkunu qegħdin wiċċ imb'wiċċ mal-produtturi tal-laħam tal-majjal u tat-tiġieġ li m'humiex qed ikampaw, li qed jitilfu u li se jispiċċaw falluti. B’hekk jaqilgħuha miż-żewġ naħat għax min-naħa nkissru l-produtturi tal-laħam tal-majjal u tat-tiġieġ u l-produtturi tal-bajd, u min-naħa l-oħra nagħfsu fuq dawk li jipproċessaw il-laħam biex jagħmlu investiment ta' Lm14 miljun, meta nafu li dan l-investiment fiċ-ċirkostanzi m’hemmx loku għax laħmijiet biex jipproċessaw mhux se jkollhom u dak li se jipproċessaw mhux se jirrendi fis-suq! U fuq dan kollu nsibu skiet perfett, Sur President.

Kien irresponsabbli l-mod kif is-Segretarju Parlamentari Vassallo qal li qed nippruvaw nużaw produttur tal-bajd, xi ħaġa illi skond hu ma treġix. Iċ-ċifri li qed nikkwota hawn m'humiex ċifri

li vvintat l-oppożizzjoni Laburista imma ċifri li l-esperti li qabbad il-gvern stess raw, flew u avvanzaw. Minnhom jirriżulta li l-applikazzjoni f'Malta tar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma tfisser is-suwiċidju tal-produtturi tal-majjal, tat-tiġieġ u tal-bajd għax m'humiex se jrendu. Imbagħad se jkun hemm min jgħid: Forsi jkun aħjar li nħalluhom jegħrqu dawn l-ażjendi! L-ebda pajjiż ma jħalli l-produzzjoni ta' laħam indiġenu tegħreq. Kull pajjiż jifhem li għandu bżonn li jkollu settur agrikolu u settur tal-produzzjoni tal-laħam li jibqa' jrendi ħalli jkollu fuqhiex jistrieħ. Imma hawn min jgħid: Ħallihom jegħrqu, l-aqwa li l-konsumatur se jmur aħjar meta jegħrqu għax se jkollu bajd, majjal u laħam tat-tiġieġ irħas!

Issa kieku dan l-argument kellna nwassluh sa l-aħħar għallinqas kien ikollu ċerta loġika, imma fl-istess żmien li qed niffirmaw is-sentenza tal-mewt għal dawn l-ażjendi kollha billi nneħħulhom il-protezzjoni - taparsi f'isem il-konsumatur iżda fir-realta' biex inkunu qed indaħħlu r-regoli ta' l-Unjoni Ewropea - qegħdin indaħħlu protezzjoni ġdida fuq is-*cereals* u fuq ċerti laħmijiet li nġibu minn barra, fuq iz-zokkor u fuq il-butir. Imma b'dik mhux se nkunu qed nipproteġu lill-ażjendi u lill-koperativi żgħar tagħna iżda se nkunu qed niddefendu lill-produtturi ta' l-Unjoni Ewropea, dawk li jipproduċu z-zokkor, il-butir u ċerti laħmijiet li aħna ma nipproduċux, bħal per eżempju l-ħaruf. Allura hemmhekk f'daqqa waħda ninsew il-konsumatur u ndaħħlu protezzjoni qawwija enormi.

Dan l-aħħar kont qed nitkellem ma' xi ħadd li jimporta z-zokkor għal ċerti industriji u dan baqa` imbellaħ bid-differenza bejn il-prezz taz-zokkor li qed iħallas issa u dak li se jkollu jħallas taħt ir-regoli ta' l-Unjoni. Hemmhekk imbagħad tidħol il-protezzjonii u f'daqqa waħda ninsew il-konsumatur. Ma nipproteġux lil dak li lokalment qed irabbi t-tiġieġ u l-majjal jew lil dak li qed jipproduċi l-bajd - ma jimpurtax li dawn imorru *down the drain*, nagħtuhom tliet snin transizzjoni, nagħtuhom *injection* ta' tliet snin u ma jimpurtax - iżda mbagħad nipproteġu għal dejjem lil dawk li jagħmlu z-zokkor fil-Belġju, lil dawk li jipproduċu l-butir fil-Ġermanja, lil dawk li jagħmlu t-tadam fl-Italja u lil dawk li jipproduċu s-*cereals* fi Franza. Din hi realta' u l-gvern għandu rapporti f'idejh li juru kif dak li l-konsumatur se jirbaħ bit-tneħħija tal-protezzjoni fuq dan li għadni kemm semmejt - nassumu li se jirbaħhom - se jitlifhom għal darba, tnejn, tlieta fuq l-affarijiet l-oħra. Allura tajjeb li nagħtu Lm1 lura lill-konsumatur u nkissru lill-produttur lokali biex imbagħad lill-konsumatur neħdulu Lm5 biex nipproteġu lill-Franċiż, lill-Ġermaniż, lit-Taljan, eċċ? Din hi l-loġika ta' l-istorja kollha. Din dieħla u għalhekk hemm id-dlam f'dawn is-setturi għax jafu li hemm sqaq quddiemhom, Sur Presdent.

Jekk hemm lok fejn il-koperativi jagħmlu sens u għandhom jingħataw kull spinta 'l quddiem, huwa preċiżament fejn hemm dawn is-setturi li jiddependu minn dawk li qegħdin hemmhekk kważi l-ħin kollu. Jekk għandek razzett tal-majjali, m'għandekx *one day off* u *one day on*, m'għandekx *overtime*. Trid tkun kuljum hemm inti, ħutek, uliedek u l-familja kollha biex tiżgura li l-majjali qegħdin jieklu. Dawn in-nies kuljum qegħdin taħt theddida li tista' tmur xi ħaġa ħażina. L-istess għal min qed irabbi t-tiġieġ, dawn iridu jkunu hemm il-ħin kollu. Mela din aktar u aktar hija xi ħaġa fejn ma tiddependix sempliċement minn relazzjoni ta' ħaddiem u sid, imma tiddependi mir-relazzjoni ta' familja koperativa. Dan huwa preċiżament is-settur fejn l-istruttura ta' koperativa tagħmel sens. Tagħmel sens minħabba l-impenn, minħabba n-natura tax-xogħol u tagħmel sens ukoll għax għandha x'taqsam mas-suq lokali fejn min qed jipproduċi għandu kważi rabta immedjata mal-klijent u mas-suq tiegħu. Dawn huma l-oqsma li waqt li niftaħru li qed ngħaddu liġi istituzzjonalment li qiegħda tgħin aktar lill-koperativi, ekonomikament qed naqtgħulhom l-art minn taħt saqajhom.

Sfortunatament s'issa m'hemm l-ebda dawl *at the end of the tunnel* għal dawn in-nies. Il-gvern għaddej bi propaganda biex jimmarġinalizzahom. In-nies ma jifhmux x'inhuma tabilħaqq l-isfidi

u t-theddid li għandhom quddiemhom u jiena naħseb li wasal iż-żmien li nivvalorizżawhom dawn l-affarijiet. Dawn huma familji li m'għandhomx ħin tax-xogħol fiss. Il-ħin kollu huwa l-ħin tax-xogħol Sibt u Ħadd ma jeżistux għalihom. Huma nies li qed jagħtu mill-aħjar tagħhom u qegħdin jipproduċu affarijiet li l-ebda pajjiż ma jista' jeqred kompletament u jgħid: Issa nġib kollox minn Sqallija, mill-Italja jew minn Franza. L-ebda pajjiż ma jagħmel hekk. Mid-dehra se nkunu aħna li nagħmluhom dawn l-affarijiet, b'loġika li l-protezzjoni nneħħuha għal tagħna imbagħad indaħħluha bil-kbir biex inħarrsu l-prodott ta' ħaddieħor sempliċement għax irridu napplikaw ir-regoli ta' l-Unjoni akkost ta' kollox. Tajjeb li nagħmluh dan is-sinjal u se nibqa' nagħmlu jien l-ewwel wieħed biex ma nibqgħux għaddejjin b'mod għami fi triq li se ġġenġel lil ħafna setturi produttivi, speċjalment liż-żgħar jew ta' daqs medju, dawk li huma bbażati fuq il-familja. Se nkissruhom lil dawn b'din it-triq li qabad il-gvern. X'se jagħmlu dawn il-ħafna familji li jgħixu mill-irziezet tal-majjal? Isiru ħaddiema? Fejn? Min se jinvesti f'post fejn l-ispejjeż tal-ħajja telgħin 'il fuq?

Jekk tħares imbagħad lejn l-effett kollu fuq l-ikel bl-applikazzoni tar-regoli ta' l-Unjoni, veru li ċerti prezzijiet se jonqsu imma l-massa l-kbira ta' prezzijiet se jogħlew. Għal kull lira li se traħħas se tgħolli b'Lm5. Waħda mill-familji li morna nżuru f'qasam ieħor ta' l-ortikultura kienet magħmula minn erba' aħwa, bit-tfal tagħhom u b'missierhom ukoll. Fejn se jmorru jaħdmu dawn? Forsi se jagħmluhom *wardens* ta' l-għelieqi, għax darba kienu ħarġu bl-idea li l-bdiewa se jispiċċaw *wardens* u joqogħdu jagħtu l-*fines* lil kull min jaraw jaqla' l-bebbux minn mal-ħitan tas-sejjieħ!

Jekk tabilħaqq parti sostanzjali mit-tessut soċjali u ekonomiku għandu jibqa' mibni minn ażjendi żgħar ta' familji li qed jaħdmu b'impenn, ċertament ma nistgħux noħonquhom jew noqtluhom lil dawn l-oqsma, jew nagħmluhom futur imċajpar biex imbagħad fl-aħħar l-*injection* tidħol u daqshekk. Nistgħu nagħmlu liġijiet sbieħ kemm irridu u bi strutturi li jgħidulek kif jaħdmu l-koperativi, imma mbagħad is-sugu ekonomiku u finanzjarju, l-għerq li jżomm lil dawn il-familji mpenjati ma jkunx qiegħed hemm aktar. Nispiċċaw li minflok mexjin 'il quddiem, jinxef kollox fuq iz-zokk. Il-prezzijiet meħudin mir-rapporti tal-gvern stess jindikaw li jien m'inix qed niffantastika jew nibni xenarju ta' *gloom and doom,* kif jippruvaw jgħidu l-propagandisti tan-naħa tal-gvern. Dawn huma meħudin minn statistika u analisi magħmula mill-gvern stess. Nirringazzjak.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Helena Dalli.

**ONOR. HELENA DALLI:** Wasalna kważi fi tmiem id-dibattitu fuq din il-liġi, Sur President, u bħas-soltu f'dan l-istadju tkellimna fuq ir-razzjonal tal-liġi. Ngħidha kif inhi, nittama li fl-istadju li jmiss ma tkomplix it-*trend* li l-gvern ma jagħtix kas tas-suġġerimenti li nagħmlu minn din in-naħa. Mhux l-ewwel darba li nkunu in sintonija mal-kunċett tal-liġi pero' ma nkunux qed naqblu ma ċerti dettalji tal-liġi u allura jkollna nivvotaw kontra.

Bħala eżempju nista' insemmi l-aħħar paprata li kellna fejn fuq il-liġi ta' l-MCESD, il-gvern baqa' jinsisti li jdaħħal organizzazzjonijiet li huma maħtura minnu, xi ħaġa totalment l-oppost tas-sinjifikat ta' soċjeta' ċivili. Ma nistax nifhem kif il-gvern baqa' jinsisti fuq din il-linja minkejja li hemm NGOs li jagħmlu l-istess xogħol tal-kummissjoni maħtura mill-gvern. Mela l-gvern b'ħafna kliem sabiħ jgħid li se jagħti l-ispazju kollu għal soċjeta' ċivili, pero' s-soċjeta' politika tibqa' hemmhekk għax għandek kummissjoni appuntata mill-ministru u nafu liema linja jiġbdu l-organiżazzjonijiet maħtura mill-gvern meta jiġu għas-*si* u n-*no*. Qed ngħid dan biex forsi l-gvern tmissu l-kuxjenza u meta niġu għall- istadju ta' kumitat ma jerġgħux jiġru l-istess żbalji, Sur President.

Jien nappella lill-gvern biex f'dan il-parlament ikollna diskussjonijiet aktar bis-serjeta' u meta jitqajmu ċerti affarijiet – li wara kollox ikunu *backed up by facts* - jikkonsidrahom. Għaliex imbagħad x'jiġri? Dan għada pitgħada nkunu aħna fil-gvern u fejn hemm defiċjenzi evidenti, ikollna nerġgħu nġibu l-liġi quddiem il-parlament biex nerġgħu nemendawha mill-ġdid. Dan huwa kollu ħela ta' ħin, ħela ta' flus u fuq kollox juri nuqqas ta' serjeta'.

Mr. Speaker, biex niġi għal-liġi proprja irrid ngħid li tista' tgħid li tkellimna lkoll kemm aħna fuq il-fatt li l-istrutturi li noħolqu permezz tal-liġijiet li ngħaddu mill-parlament iridu jkunu ssapportjati b'mezzi edukattivi u iżjed minn hekk, minn bidla fil-kultura u fil-mentalita'. Fil-liġi jista' jkollok ħafna affarjiet iżda mbagħad tmur tfittixihom u ssib li *on the ground* għandek ħafna problemi u ħafna ntoppi. Nagħti eżempju fil-qasam tan-nisa meta ngħidu li għandna ħafna drittijiet imbagħad fir-realta' nsibu li mhux hekk. Fil-fatt dik il-ħaġa li tkun qiegħda ttellef ma ssibhiex fil-liġi imma tkun *embedded* fil-kultura u fis-sistema` edukattiva u tkun qed iżżomm ċerti affarijiet milli jimxu 'l quddiem. Dan għaliex ikun hemm affarijiet b'għeruq ħafna iktar fondi mil-liġi li nagħmlu aħna. Liġi malajr tagħmilha, tressaqha u anke tbiddilha jekk hemm bżonn, pero' l-edukazzjoni u l-kultura huwa proċess twil li mhux lakemm tagħmlu u tbiddlu mil-lum għal għada.

Dan qed ngħidu għax huwa importanti li dan il-kunċett ta' koperazzjoni fid-dinja tax-xogħol nibdew inrawmuh fit-tfal meta għadhom l-iskola. Huwa importanti li naraw minn fejn ġejjin ċerti *underlying messages* u ċerti *stereotypes.* Irridu naraw għaliex bis-sistema li għandna, it-tfal u aħna stess noħorġu kif noħorġu mill-iskejjel u għaliex għandna dan in-nuqqas ta' kultura ta' koperazzjoni bejnietna. Meta tħares lejn l-iskejjel mhux talli ma tarax koperazzjoni bejn it-tfal imma għandek kompetizzjoni sfrenata għaddejja bejniethom. Din hija sistema li qiegħda 'l bogħod wisq mill-pretensjoni tagħna li meta t-tfal joħorġu mill-iskola se jkun faċli għalihom li jaħdmu flimkien f'dan l-ispirtu ta' koperazzjoni li qegħdin insemmu f'din il-liġi. Jien nasal biex ngħid li hemm bżonn inħarsu lejn il-koperazzjoni bħala alternattiva biex wieħed jirnexxi fil-ħajja, Sur President.

Kont qiegħda naqra dwar skola fl-Ingilterra li tuża s-*slogan* "*co-operation - an alternative way to succeed.*" Huwa importanti li ndaħħlu dan l-ispirtu ta' koperazzjoni fit-tfal meta jkunu għadhom ta' eta' żgħira, għadhom impressjonabbli u allura fl-istadju li għadna nistgħu nagħġnu fihom il-mod kif huma se jgħixu tul ħajjithom kollha. Jien inżomm kuntatt ma' ħafna studenti u sfortunatament il-kultura tagħna hija ħafna u ħafna 'l bogħod minn hekk. Per eżempju, naf b'każi fejn ktieb fl-universita' bilfors ikollok tpoġġih fuq ir-*reserved shelf* għax inkella ċerti studenti jikkapparrawh għalihom biex ma jeħdux ħaddieħor. Il-ktieb jibqa' għandhom, anke` jekk ikunu jafu li sħabhom għandhom bżonnu, ktieb li jaf ikun *out of print* u allura jkollha bżonnu klassi sħiħa. Meta tara din l-attitudni li lanqas sempliċement ktieb m'huma lesti li jaqsmu l-istudenti, tara kemm għadna 'l bogħod milli naqsmu flimkien informazzjoni, *notes,* proġetti, eċċ.

M'inix qed ngħid li m'hawnx min jagħmel dawn l-affarijiet, pero' l-attitudni tal-maġġoranza hija dik ta' kompetizzjoni, fejn inżomm kemm jista' jkun informazzjoni għalija forsi nġib *grade* iktar jekk ikolli xi ħaġa li ħaddieħor m'għandux. Min-naħa ma tagħtihomx tort lill-istudenti għaliex hija s-sistema edukattiva tagħna li titfagħhom f'dik id-direzzjoni, pero' meta toqgħod tqis dawn l-affarijiet kollha x'ċans hemm li dawn se jikkoperaw ma' sħabhom iktar 'il quddiem fid-dinja tax-xogħol? Is-sistema edukattiva u l-mod kif ngħallmu fl-opinjoni tiegħi m'huwiex *conducive* biex iktar 'il quddiem dawn iż-żgħażagħ jieħdu sehem f'koperattiva. Għandu jkollna tagħlim speċifiku fuq il-koperattivi ħalli mingħajr ħafna fanfara nkunu qegħdin inrawmu f'dawn iż-żgħażagħ spirtu ta' koperazzjoni.

Nafu li barra minn Malta jeżistu skejjel ta' koperativi u jien ngħid li altru li għandna bżonnhom hawnhekk. Ukoll xi ħadd ukoll issuġġerixxa t-twaqqif ta' xi istitut għal dan il-għan. Meta jkun hemm dan it-taħriġ formali u jidħol dan it-tibdil fis-sistema, naturalment ikun hemm aktar żgħażagħ li jieħdu l-inizjattiva u jibdew xi tip ta' xogħol bejniethom minflok ma joqogħdu jistennew li jimpjegahom xi ħadd. Jista' jkun li dan ma jsirx fuq l-iskala li nixtiequ aħna għax għad m'għandniex taħriġ formali f'dan il-qasam, iżda għalkemm m'għandniex skola speċifika naħseb li dan it-taħriġ xorta jista' jsir fil-kulleġġi li għandna, fis-sekondarji, fl-universita' fil-kors tat-*teachers* jew fil-*vocational schools*. Jiġifieri dan jista' jsir ukoll b'mod li jiġi introdott fis-sistema u fil-fatt fil-kurrikulu nazzjonali hemm riferenza għalih ukoll. Dan kollu għandu jsir bl-għan li nippromwovu l-esperjenza prattika fil-prinċipji u metodi ta' xogħol f'koperattiva u għalhekk il-formazzjoni u t-tħaddim ta' koperativi bħala suġġett mgħallem fl-iskejjel u l-kulleġġi għandu jiġi mbuttat 'il quddiem. F'ħafna skejjel barra minn Malta hija l-koperazzjoni u mhux il-kompetizzjoni li qed issir in-norma fil-mod kif jgħallmu u dan qed jgħin biex dawk li joħorġu mill-iskejjel ikunu aktar *enterprising*.

Nafu li minn studju li sar f'Malta, l-*entrepreneurship* fl-istudenti tagħna m'huwiex il-*forte* tagħhom żgur. Ħafna minnhom iserrħu moħħhom li ladarba jkollhom *degree,* se jkun iktar faċli għalihom li jimpjegaw ruħhom u allura ma tantx joqogħdu jaħsbu kif jistgħu jkunu proattivi forsi joħolqu xi ħaġa huma. Veru li rridu ngħidu wkoll li l-ambjent ekonomiku jrid ikun tali sabiex inti tagħmel kuraġġ u tiftaħ *business* flimkien ma' oħrajn, u naturalment dan jiġi billi jkun hemm ċertu serħan il-moħħ u l-ambjent ekonomiku jkun tajjeb biex tibda dak ix-xogħol. Kif għadu kif semma l-kap ta' l-oppożizzjoni, evidentement f'pajjiżna dan mhux il-każ. Aħna ilna ngħidu u nitkellmu ma' *business people* żgħar li huma nkwetati ħafna fuq il-futur tagħhom minħabba l-problema ta' l-Unjoni Ewropea. Dan kollu mbagħad jaffettwa l-i*state of mind* ta' dik il-persuna li forsi jista' jkollha xi ftit *entrepreneurship,* li tgħid: Isma', jien kapaċi noħloq xi ħaġa imma s-sitwazzjoni tal-pajjiż m'hijiex qiegħda tgħin.

Sur President, huwa fatt li minbarra l-problemi kollha li semmejt, problemi ta' kultura u tal-mod kif aħna nħarsu lejn l-impjiegi, għandek sitwazzjoni fejn għandek ħafna inċertezza li iktar ma mmorru iktar qiegħda tiżdied. Ħafna nies ma jafux fejn sejrin u m'humiex lesti li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-futur tax-xogħol tagħhom. Bla dubju, mhux iż-żmien li dak li jkun jagħmel kuraġġ biex jinvesti f'xi xogħol ġdid, forsi xogħol għalih u għal xi persuna oħra, biex imbagħad iqabbad xi nies oħra miegħu biex jaħdmu fuq livell ta' koperattiva. Issa hawnhekk xtaqt insemmi l-koperattiva tal-kotba ta' l-universita', Sur President, li għall-ewwel meta ġiet ifformata konna għedna li din għandha tkun suċċess għax ma tantx tista' tmur żmerċ meta għandha ħafna vantaġġi fuq *bookshops* oħrajn.

Din qiegħda fil-*campus* ta' l-universita' u għalhekk għandha aċċess għall-bżonnijiet ta' l-istudenti u tal-*lecturers* fir-rigward ta' kotba akkademiċi. Għandha l-*added bonus* li kotba akkademiċi dejjem ħerġin, anzi diffiċli biex tlaħħaq magħhom għax ġieli tkun għadek kif għamilt *review* fuq xi qasam u kif tlesti ssib li laħqu ħarġu xi erba' kotba oħra fuq l-istess suġġett. Ir-raġuni hi ovvja għax dejjem għandek domanda għal dawn il-kotba akkademiċi. Għalhekk hija ħaġa minn ewl id-dinja li wieħed jistaqsi kif qatt din il-koperattiva setgħet tmur ħażin. Wieħed bilfors ikollu jgħid li hemm xi ħaġa mgħawġa għax l-indikaturi kollha jgħidulek li din kellha tkun suċċess. Allura naħseb li jkun tajjeb jekk naraw fejn qed imorru ħażin ċerti koperattivi u nippruvaw infittxu aktar fil-fond ħalli naraw il-problema vera x'inhi. Meta kont qed nipprepara ruħi għal din il-liġi rajt li fl-Ingilterra wkoll sabu ċerti problemi fil-qasam tal-koperattivi u bħalissa qed jagħmlu ċertu xogħol biex dawn jagħtuhom spinta 'l quddiem.

Kulħadd qalha u se ngħidha jien ukoll li l-liġi biss mhix biżżejjed għax dawn trid tibqa' taħdem fuqhom. Minħabba din il-problema li kienu qed jiffaċċjaw ċerti koperativi fl-Ingilterra – inċidentalment il-valur tagħhom jaqbeż Stg.8.5 biljun – il-Gvern Ingliż waqqaf kummissjoni biex tindaga dwar il-futur tagħhom. Din sabet li waħda mill-problemi għala naqas is-suċċess tal-koperativi, li sa ftit ta' żmien ilu kienu jikkmandaw kwart tas-suq tal-*groceries,* kien in-nuqqas ta' għaqda u koperazzjoni ta' bejniethom għax kull koperativa kienet qiegħda taħdem għal rasha. Minkejja dawn il-problemi kbar, il-Gvern Ingliż xorta żied l-appoġġ tiegħu għall-moviment tal-koperativi għaliex l-Ingliżi jemmnu li dan jirrappreżenta parti vitali min-negozju tagħhom. Fil-fatt Tony Blair jgħid li l-interessi kummerċjali u l-interessi tal-komunita' jmorru id f'id u talab lill-kummissjoni toffrilu soluzzjonijiet għal din is-sitwazzjoni li jinsabu fiha ċerti koperativi.

Mr. Speaker, waħda mir-rakkomandazzjonijiet kienet li jgħaqqdu dawn il-koperativi mal-bżonnijiet tal-pajjiż, li jippropagaw l-għanijiet soċjali tagħhom u jużaw il-vantaġġ li jista' jkollhom sabiex ikollhom suċċess kummerċjali. Ħaġa oħra li rrikmandaw kienet li l-koperativi jmorru f'*areas* ġodda għaliex iktar ma l-pajjiż jiżviluppa, iktar se jiżviluppaw bżonnijiet u ħtieġijiet oħrajn. Dawn bħal donnhom qegħdin jgħidu li l-koperativi ma baqgħux jaraw x'inhuma l-bżonnijiet u l-ħtieġijiet ġodda tas-soċjeta'. Il-kummissjoni għamlet suġġeriment li l-koperativi jidħlu f'setturi oħra bħal, per eżempju, il-kura ta' l-anzjani u ċ-*childcare,* oqsma li s'issa ma kienx hemm wisq koperativi li daħlu għalihom u fejn hemm bżonn li jsir ċertu xogħol, li allura juri li anke l-Ingliżi qegħdin iħossu l-ħtieġa li jagħmlu *updating* tal-bżonnijiet tagħhom, jaraw għalfejn qed ifallu f'ċerti *areas* u jaħdmu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-kummissjoni. Għalhekk ngħid li l-liġi tagħmilha u tbiddilha malajr, pero' mbagħad għandek bżonn li tibqa' għaddej skond il-bżonnijiet u l-iżvilupp tas-soċjeta' u tal-pajjiż. Ma rridux ninsew ukoll il-kwestjoni tal-kultura, Sur President.

Hawn Malta kemm-il darba tisma' nies jgħidulek li s-sħab jinsab biss fis-sema u lanqas biss jgħaddilhom minn moħħhom li jistgħu jaħdmu bi sħab ma' nies oħrajn billi jpoġġu flimkien l-*expertise* - u l-flus naturalment - sabiex joħolqu xi ħaġa aktar b'saħħitha. Hemm ċerta biża' għax ħafna jgħidulek li mhux faċli li tagħmel sħab. Irridu nbiddlu din il-kultura li kif għedt għandha l-għeruq tagħha ħafna iktar fil-fond. Biex verament nagħmlu xi ħaġa rridu nibdew miż-żgħar għaliex imbagħad jidħlu problemi oħra. Per eżempju, insib ħafna koperativi li jgħidulek li llum huma ffaċċati mill-*multi-nationals.* Imma jekk nidħlu għalihom bis-serjeta', hawn min jgħid li dawn jistgħu jkunu alternattivi tajbin anke għall-globalizzazzjoni. Jien għalhekk ngħid li importanti li ndaħħlu din il-kultura ta' koperativi, anzi għandna nħarsu lejhom bħala wieħed mill-istrumenti importanti għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali u wkoll bħala avvanz uman. Ċertament li l-koperativi għandhom jitwaqqfu u jiġu żviluppati, Sur President.

Hemm ħafna raġunijiet għalfejn dan għandu jsir u waħda minnhom hi biex intejbu l-qagħda ekonomika u soċjali tan-nies li jissieħbu fihom, speċjalment dawk b'riżorsi u opportunitajiet limitati. Meta jsiru bis-serjeta', dawn huma stess ikunu qegħdin jgħinu lilhom infushom billi jpoġġu flimkien ir-riżorsi, limitati kemm huma limitati, u l-opportunitajiet tagħhom. Dawn ma jkunux nies li għandhom xi riżorsi jew opportunitajiet kbar imma jsibu li meta jpoġġu l-ftit li għandhom f'borża waħda, bejniethom jistgħu joħolqu xi ħaġa ġdida u permezz tax-xogħol, tal-bżulija u ta' l-istinkar jagħmlu xi ħaġa li tkun ta' suċċess.

Din il-kultura tal-koperativi hija importanti wkoll għax permezz tagħha nkunu qegħdin inħeġġu l-ispirtu ta' l-inizjattiva biex nagħtu lill-ekonomija dik id-doża ta' kontroll demokratiku, ta' attivita' u ta' tqassim ġust tal-qligħ. Tajjeb li nsemmu li bil-parteċipazzjoni tal-koperativi, għandek iktar demokrazija fl-attivita' ekonomika u tista' tara li l-qligħ jitqassam b'mod aktar ġust. Barra minn hekk, il-koperativi naturalment ikunu jistgħu jżidu l-*income* nazzjonali, jżidu l-

*export revenue* u jżidu l-impjiegi għax jagħmlu aktar użu minn ċerti riżorsi umani. Jista' jkollok nies li ma jkunux sabu xogħol u allura jpoġġu rashom flimkien u joħolqu koperativa minflok ma joqogħdu jistennew l-ETC jew xi imprenditur jagħtihom ix-xogħol. Dawn kapaċi joħolqu x-xogħol mhux biss għalihom infushom imma wkoll għal sħabhom fil-koperativa, biex imbagħad eventwalment idaħħlu aktar nies magħhom u allura b'hekk jiżdiedu l-impjiegi wkoll. Meta dawn il-koperativi jsiru bis-serjeta' hemm ħafna vantaġġi u allura nemmen li kull gvern għandu jkollu politika fejn il-koperativi jingħataw l-għajnuna u l-inkoraġġament kollu, mhux bil-kliem biss imma anke nkoraġġiment ta' natura ekonomika, finanzjarja, teknika u leġislattiva. Dan għandu jsir mingħajr ma tindaħlilhom fl-indipendenza tagħhom.

Ċertament din il-politika m'għandhiex tkun xi ħaġa statika u rridu nanaliżżaw ir-rwol li għandhom il-koperativi fl-iżvilupp tal-pajjiż. Mhux l-ewwel darba li qegħdin niddiskutu l-politika tal-koperativi fil-parlament għax il-koperativi minn dejjem kienu fuq l-aġenda tal-parlament - kienet waħda mill-ewwel affarijiet li saru *way back* meta ħadna s-*self-government* u mbagħad wara fis-sebgħinijiet meta daħlet il-liġi - pero' rridu naraw li din il-politika li qegħdin naġġornaw tkun integrata fi pjan ta' żvilupp. Illum minflok pjan ta' żvilupp ngħidu li rridu nħarsu l-futur ta' pajjiżna - għaliex hawn min jibża' minnha din il-frażi – u l-politika tal-koperativi għandha tkun integrata f'dan il-pjan. Din il-politika trid tkun *under review* u għandna nirranġawha skond il-bidliet u l-ħteġijiet soċjali u ekonomiċi u, importanti ħafna wkoll, skond il-progress teknoloġiku. Dawn huma kollha prinċipji u kunċetti sbieħ u naħseb li kulħadd jaqbel magħhom, imma m'għandniex inħalluhom biss fuq il-karta. Biċċiet minnhom ma tħallewx fuq il-karta għax f'ċerti oqsma jsir xogħol mingħajr ma tinduna li fil-fatt qed tingħata għajnuna lill-koperativi.

L-IPSE per eżempju m'għandhomx miktub li għandhom jgħinu lill-koperativi imma dawn jgħinu lil dawk li lesti jaħdmu flimkien għalkemm mhux neċessarjament f'koperativa. Iżda koperativa tikkwalifika għal ċerti għajnuniet li tagħti l-IPSE għax tista' tkun koperativa, kumpannija żgħira jew konsorzju. Huwa importanti li n-nies ikunu jafu bl-għajnuna li jagħti dan l-istitut għall-promozzjoni tas-*small enterprise* għax jekk ma jafux mhux se jmorru jitolbu l-għajnuna tagħha. F'Malta hawn koperativi li lesti jaħdmu flimkien, bħalma qegħdin jipprovaw jagħmlu l-Ingilterra, anzi hemmhekk jinkoraġġuhom biex jaħdmu flimkien.

F'dawk il-każi fejn għandek koperativi li lesti jaħdmu fi *clusters,* l-IPSE imbagħad tagħti *accelerated assistance,* jiġifieri jagħtu għajnuna aktar mgħaġġla. Infatti jekk jaħdmu flimkien hemm ħafna għajnuniet li l-IPSE tista' tagħti. Tista' tgħinhom biex jagħmlu *business plans, marketing* u *feasibility studies*. Hemm ħafna għajnuna teknika minn esperti u l-koperativi mhumiex esklużi minn dan is-servizz. Nerġa` ngħid li jistgħu jsibu ħafna għajnuna hemmhekk. Tajjeb li nużaw is-servizzi ta' dawn il-koperativi u tajjeb jagħmel il-gvern li jqabbadhom biċċiet ta' xogħol.

Per eżempju, kont qed inħares lejn mistoqsija parlamentari indirizzata lill-ministru għas-servizzi ekonomiċi, fejn staqsewh fuq is-servizz ta' stampar. Issa taħt is-servizzi ekonomiċi jaqgħu ħafna dipartimenti u entitajiet oħra - għandek il-*freeport*, il-METCO, id-dipartiment ta' l-industrija, il-korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma, id-*drydocks* u s-Sea Malta - pero' innotajt li l-unika kumpannija li tuża koperativa għax-xogħol ta' *artwork and colour separation* hija proprju l-IPSE. Naturalment l-offerti joħorġu *by tender,* jiġifieri jridu jkunu kompetittivi, pero' fejn għandek l-istess kwalita' ta' xogħol ma jagħmilx ħażin il-gvern li jużahom, bħal f'dan il-każ. Issa jekk din irrid inħares lejha b'mod pożittiv ngħid li l-IPSE għamlu dan l-*artwork and colour separation* kollu permezz tal-koperativa u hawn lista sħiħa ta' xogħol li għamlu. Imma jekk inħares lejn din il-kwestjoni b'mod negattiv ngħid li mid-dipartimenti u l-entitajiet kollha li

jaqgħu taħt dan il-ministeru, entita' waħda biss tagħmel użu minn koperativa. Naturalment kull ministeru u kull dipartiment ikollu l-mod tiegħu kif jaħdem, iżda naħseb li jekk irridu ninkoraġġixxu verament dan l-ispirtu koperativ, dan huwa mezz kif b'mod konkret nistgħu nimxu 'l quddiem.

Dan l-aħħar rajna, per eżempju, il-problema li qegħdin jiffaċċjaw ċerti *grocers* u nafu wkoll li qegħdin jingħaqdu u jixtru flimkien. Din il-koperazzjoni forsi tista' tiġi fformalizzata f'forma ta' koperativa. Xi ħaġa trid issir biex ma jkomplux sejrin bil-mod kif sejrin u jekk ikun hemm ċerta għaqda bejniethom ikunu aktar b'saħħithom. Fil-fatt anke l-GRTU qiegħda tħeġġeġ sabiex dan isir u naħseb li bħala pajjiż għandna nħarsu lejn il-koperazzjoni bħala mod alternattiv ta' kif nagħmlu suċċess fil-ħajja tagħna, fix-xogħol tagħna u f'dak li nipproduċu. Koperativa tista' taħdem daqs u forsi anke aħjar minn kwalunkwe *business* ieħor, imma jiġri hekk biss meta nitgħallmu kif nużaw din l-għodda kollettiva.

Aħna ma nistgħux nidħqu bin-nies u ma ngħidux li din hija wkoll għodda fraġli. Biex tużaha tajjeb u b'mod effettiv hemm bżonn mhux biss ta' kwalitajiet speċifiċi umani, jiġifieri ta' *state of mind* u ta' attitudni demokratika, imma hemm bżonn anke ta' ċerti ħiliet u profiċjenza, li naturalment imbagħad tkompli titgħallimhom bil-prattika. Kif għedt diġa', huwa importanti ħafna li jkollna t-tagħlim flimkien mal-*frame of mind,* flimkien mal-kultura u t-tagħlim li nieħdu mill-esperjenza.

**MR SPEAKER:** Onor. Dalli, skadielek il-ħin u nitolbok tikkonkludi.

**ONOR. HELENA DALLI:** Imma baqagħli xi ngħid, Sur President.

**MR SPEAKER:** L-Onor. Joe Mizzi, *on a point of order*.

**ONOR. JOE MIZZI:** Peress li l-Onor. Dalli fadlilha xi tgħid u evidentement qed tinżamm milli tkompli, ngħajjat *quorum* bħala turija ta' diżapprovazzjoni għal dan l-atteġġjament.

**MR SPEAKER:** Hawn talba għal *quorum.* Is-Seduta hija sospiża għal ħames minuti.

*Fis-7.47 p.m. is-Seduta ġiet sospiża u rriżumiet ħames minuti wara.*

**MR SPEAKER:** Is-Seduta tkompli. Aktar rimarki? Il-Ministru Ninu Zammit.

**ONOR. NINU ZAMMIT(Ministru għall-Agrikoltura u Sajd):** Mr. Speaker, illejla ssemmew koperativi li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-majjal, tat-tjur u tal-bajd. Infatti għandna numru sabiħ ta' raħħala li jaħdmu f'dawn l-industriji u biex wieħed jibda japprezza t-tbatija li jgħaddu minnha u x-xogħol li jagħmlu dawn ir-raħħala, irid iżur dawn l-irziezet u jara b'għajnejh u jmiss b'idejh ix-xogħol tqil u kattiv li jagħmlu dawn il-ħaddiema biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom u biex iżommu l-familja.

Dan huwa xogħol li m'għandux sigħat, Sur President. Dan mhux xogħol li wieħed jieħu *break* ta' nofs siegħa fid-9.00a.m u mbagħad jieħu *break* itwal f' nofsinhar. Xogħol ir-raħħal jinvolvi l-24 siegħa tal-ġurnata għax jekk ikollok, per eżempju, majjaliet li jwelldu matul il-lejl, ir-raħħal bir-raġun joqgħod mal-bhejjem tiegħu ħalli jekk waqt it-twelid ikun hemm xi kumplikazzjonijiet, jgħin lill-bhejjem iwelldu għax hekk hu fl-interess tiegħu. In-nies li jaħdmu f'din l-industrija verament jaħdmu 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

Issa l-prodotti li semma l-kap ta' l-oppożizzjoni llejla, jiġifieri tal-majjal, tat-tjur u l-bajd għandhom protezzjoni sħiħa u hemm *levies* qawwija fuq l-importazzjoni tagħhom. Biex bniedem jimporta ngħidu aħna kilo majjal hemm *levy* li tvarja bejn Lm0.70 u Lm1.30 u nidħlu jew ma nidħlux fl-Unjoni Ewropea, dawn il-*levies* fi ftit snin oħra jridu jispiċċaw. Qed nagħmilha ċara hawnhekk li nidħlu jew ma nidħlux fl-Unjoni Ewropea, il-*levies* se jkunu tneħħew sas-sena 2009 jew 2010. Bir-regolamenti tad-*WTO*, sa tmienja, disa' snin oħra il-*levies* li hemm fuq dawn il-prodotti jridu jispiċċaw. Issa l-ispejjeż tal-produzzjoni fil-każ tal-laħam tal-majjal, tat-tjur u tal-bajd huma ogħla minn dawk li jeżistu fil-pajjiżi msieħba ta' l-Unjoni. Allura anke jekk ma nidħlux fl-Unjoni, pajjiżna jrid jipprepara ruħu għax għada pitgħada, sad-dati li ġew iffissati mid-WTO, nafu li jridu jispiċċaw il-*levies.* Dan ifisser li dawn l-istess industriji jridu jkunu msaħħin biex ikunu aktar effiċjenti u kompetittivi daqs l-industriji tal-majjal, tat-tjur u tal-bajd li jeżistu fil-pajjiżi ta' l-Unjoni.

Sur President il-kap ta' l-oppożizzjoni ppreżenta ċifri li jafhom kulħadd għax ippubblikajniehom aħna stess. Aħna qabbadna esperti biex jagħmlulna analisi tas-sitwazzjoni ta' dawn is-setturi u dan ir-rapport ippubblikajnieh għax m'għandna xejn x'naħbu. Dr. Sant imissu jaf li dawn m'humiex industriji tan-Nazzjonalisti jew tal-Laburisti imma huma industriji tal-poplu Malti. Aħna lkoll flimkien għandna nieħdu ħsieb insaħħuhom u ntejbuhom jekk verament irridu li fil-futur dawn l-industriji jibqgħu jeżistu ħalli l-konsumatur ikun moqdi b'provvista ta' majjal frisk, tjur frisk u bajd frisk. Din hija l-problema u flimkien irridu nagħmlu l-isforzi kollha tagħna biex noħorġu l-finanzjament kollu neċessarju biex insaħħuhom u ntejbuhom ħalli dawn l-istess setturi jibqgħu ħajjin.

Il-politika tal-Partit Nazzjonalista hija li nirristrutturaw dawn is-setturi b'mod li ndaħħlu effiċjenza akbar fl-operat tagħhom u nirrenduhom aktar kompetittivi. Dan se jseħħ billi t-*taxpayer* – u ma noqogħdux ngħidu l-gvern - jikkumpensa fuq perijodu ta' snin lil dawn is-setturi, b'mod li jingħataw nifs finanazjarju kif ukoll nifs f'sens ta' żmien sakemm itejbu l-qagħda tagħhom. Ovvjament dan il-kumpens se jiddaħħal fuq perijodu ta' snin waqt li fl-istess perjodu, il-*levies* fuq dawk il-prodotti jibdew jitnaqqsu gradwalment. Allura permezz ta' l-għajnuna finanzjarja li se tingħata biex isir ir-*restructuring* waqt li gradwalment ikunu qed jitneħħew il-*levies,* il-mara tad-dar se tkun f'pożizzjoni li tibda tgawdi minn prezzijiet iżjed baxxi għall-istess prodotti. Aħna lil dawn ir-raħħala se nagħtuhom iċ-ċans kollu biex fuq perijodu ta' snin jirranġaw l-operat tagħhom b'tali mod li jsiru iżjed effiċjenti waqt li fl-istess ħin ikun qed jiżżarma gradwalment ir-*regime* tal-*levies* – u nerġa' ngħid li nidħlu jew ma nidħlux fl-Unjoni il-*levies* xorta waħda se jkollhom jitneħħew - bil-konsumatur igawdi minn prezzijiet orħos. Dan huwa x-xenarju kollu.

Sur President, ngħid is-sewwa llejla ħadt gost nisma' lill-kap ta' l-oppożizzjoni jsemmi ċ-ċifri. Dawn iċ-ċifri aħna nafuhom u anke ppubblikajnihom. L-entita' ta' l-għajnuna li trid tingħata lil dawn is-setturi għar-ristrutturazzjoni nafuha. Pero' il-kap ta' l-oppożizzjoni ma qalilniex x'inhija l-politika tiegħu għal dawn l-oqsma u ma qalilniex li din il-famuża politika ta' Svizzera fil-Mediterran ma tfisser xejn ħlief żona ta' kummerċ ħieles. Jien ili snin twal hawn ġew u niftakar x'kien qal ukoll l-istess kap ta' l-oppożizzjoni fid-29 ta' April 1998, f'interivista li kien ta lill-gazzetta ''*The Times*'' – ma niftakarx kemm il-darba poġġejt fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din l-intervista, b'ritratt ta' Dr Alfred Sant b'kollox - fejn tkellem dwar il-politika tiegħu ta' Svizzera fil-Mediterran għal dawn l-oqsma tal-biedja, b'mod partikolari għall-produzzjoni tal-ħxejjex, taz-zalzett, tal-bajd, tat-tjur u tal-majjal.

Dr Sant qal li b'żona ta' kummerċ ħieles, jiġifieri bil-politika ta' Svizzera fil-Mediterran, il-gvern ikun jista' jixtri prodotti bħal ħxejjex, bajd, zalzett, laħmijiet u majjal minn fejn irid. Pero' qal ukoll, u se nikkwotah bl-Ingliż:

> "*....although we wouldn't be able to protect our milk industry, our meat industry, our eggs, our vegetables ...*"

Jiġifieri hawnhekk il-kap ta' l-oppożizzjoni qed jgħidilna li bil-politika ta' Svizzera fil-Mediterran - kien ilu ħafna jtanbar fuqha din - ikun jista' jixtri dawn il-prodotti minn fejn irid hu, pero' ma jkunx jista' jipproteġi iżjed il-prodotti li jiġu mill-ħalib, il-prodotti tal-majjal, il-bajd, il-ħxejjex u l-prodotti agrikoli l-oħra. Din hija d-differenza bejn iż-żewġ toroq, Sur President.

Hawnhekk għandna t-triq tal-gvern preżenti li b'għaqal kbir qed jgħid li huwa fl-interess ta' l-istess industrija li din il-protezzjoni titneħħa gradwalment, anke għax f'pajjiżna kulħadd jaċċetta li dawn il-*levies* iridu jitneħħew. Fil-verita' kemm il-Partit Nazzjonalista kif ukoll il-Partit Laburista, it-tnejn jaqblu li dawn l-imbierka *levies* iridu jispiċċaw. Allura aħna bħala gvern qegħdin ngħidu li la dawn iridu jitneħħew, mela ejjew indaħħlu jdejna fil-but u noħorġu dak il-finanzjament neċessarju ħalli ngħinu lil dan is-settur sabiex ikun jista' jirranġa l-operat tiegħu u jsir iżjed kompetittiv. Mill-banda l-oħra, il-politika tal-Partit Laburista hija bħalma ddikjaraha Dr Alfred Sant tliet snin ilu, li dawn is-setturi nħalluhom fl-arja, li mingħalina x-xemx titla' għalina biss, ninsew li sa disa' snin oħra dawn il-*levies* iridu jitneħħew xorta waħda, imbagħad hemmhekk dawn jieħdu daqqa kbira u ma jkunux jifilħu jeżistu iżjed. Din hija d-differenza, Sur President.

Issemma' wkoll il-fatt li l-proċessuri jridu bilfors jinvestu bil-kbir biex jirranġaw l-operat tagħhom. Jien m'inix se noqgħod insemmi l-miljuni iżda ma ninsewx li għal raġunijiet ta' *food safety,* dawn bilfors iridu jirranġaw, nidħlu jew ma nidħlux fl-Unjoni. L-istonku tal-Maltin huwa l-istess stonku bħalma għandhom in-nies ta' l-Italja, ta' Franza, ta' Spanja, tal-Portugal u tad-Danimarka u għal raġunijiet ta' *food safety* bilfors irridu nirranġaw l-operat ta' l-ipproċessar, nidħlu jew ma nidħlux fl-Unjoni. Ejja ma noqogħdux inbeżżgħu bil-babaw, aktar u aktar meta dawn huma affarijiet li jmissna ilna li għamilnihom.

**THE DEPUTY SPEAKER (Onor. Michael Bonnici):** L-Onor. Noel Farrugia, bil-permess tal-Ministru.

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Donnu li l-Ministru qed jgħid li l-prodott Malti fil-preżent m'huwiex *safe*.

**ONOR. NINU ZAMMIT:** Jien qed ngħid li fil-*processing plants* irid jiddaħħal il-*hazard analysis and critical control point*, l-HACCP. M'hemmx triq oħra imma dawn in-nies iridu jinvestu biex jagħmlu l-operat tagħhom iżjed *safe*, ħalli l-poplu jkun moħħu mistrieħ li l-prodott li jixtri jkun verament *safe.* (Interuzzjonijiet)

Il-kap ta' l-oppożizzjoni tkellem ukoll fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti u qalilna li għall-*processing plants* ma jkunx hemm materja prima. Forsi ma jafx li 70% tal-majjal li jiġi pproċessat lokalment imur għall-*processing plants* u 30% biss imur għand il-konsumatur.

Issemmiet ukoll il-problema tal-provvista taz-zokkor, taċ-ċereali, ta' ċerti laħmijiet u tar-ross. Aħna fir-rapport li ppubblikajna semmejnihom dawn. Nafu li għandna l-problemi u ma' l-Unjoni

se ninnegozjaw biex fuq dawn il-prodotti ningħataw *special supply terms.* Infakkar li Spanja u l-Portugal ilhom membri ta' l-Unjoni mill-1986 u sal-lum dawn għadhom jixtru ammont ta' għalf minn swieqi barra l-Unjoni bi prezz orħos minn dak ta' l-Unjoni. Anke aħna, għal din it-tikka ta' pajjiż, fuq prodotti bħalma huma zokkor, ċereali, laħmijiet u ross se nitolbu *special supply terms*.

Se jkun hemm ukoll għajnuniet oħra li se ninnegozjaw u dawn se jkunu fuq il-produzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli, *tipo* patata u għeneb għall-inbid. Nirringrazzjak.

**THE DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri No) Jekk m'hawnx aktar rimarki, nistieden lill-Viċi-Prim Ministru biex jagħmel il-*winding-up*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Sur President, wasalna biex nikkonkludu d-dibattitu fuq dan l-abbozz ta' liġi li nfirex fuq seba' seduti, li essenzjalment naħseb li nista' niddeskrevih bħala wieħed kostruttiv, li allura juri li ż-żewġ naħat tal-Kamra qegħdin naqblu mas-sustanza ta' din il-liġi u qegħdin naqblu li fil-qasam tal-moviment koperattiv, tajjeb naraw kif intejbu l-istrutturi legali biex dan il-qasam ikompli jiżviluppa. Jidher li bl-abbozz ta' liġi li qegħdin nippreżentaw u anke fil-każ tal-maġġoranza ta' l-emendi li qegħdin jiġu proposti, m'għandniex għax ma nsibux il-qbil taż-żewġ naħat tal-Kamra. Ma naħsibx li għandi għalfejn noqgħod intawwal fil-konklużjoni tiegħi u nirrepeti affarijiet li diġa' ssemmew, Sur President, imma kieku kelli nagħsar il-punti ta' kritika li saru mid-deputati ta' l-oppożizzjoni joħroġ punt wieħed ewlieni.

Irrid nammetti li kont xi ftit sorpriż kif uħud mill-kelliema ta' l-oppożizzjoni għażlu li jiffukaw il-biċċa l-kbira tal-kritika tagħhom proprju fuq dan il-punt partikolari. Kważi l-kelliema kollha għamlu riferenza għall-bord tal-koperativi u saret il-kritika li l-gvern qiegħed ikun il-*godfather*, qiegħed iżomm il-poteri kompletament f'idejh u qiegħed jinnomina n-nies hu u allura għandu kontroll assolut tas-sitwazzjoni. Saret kritika qawwija min-naħa tal-kelliema ta' l-oppożizzjoni u jiena nħossni fid-dmir li nirrispondi għal dan il-punt ewlieni. Il-bqija din il-liġi qiegħda tintroduċi kunċetti ġodda, prinċipji ġodda, tibdiliet, proċess ta' moderniżżazzjoni u aġġornament tal-proċeduri tal-koperativi li jirrispondu għar-realtajiet ekonomiċi tal-lum. Il-verita' hi li l-oppożizzjoni ma sabet l-ebda punt ta' kritika minn dawn l-affarijiet kollha iżda dan il-punt ġie ripetut.

Għandi noti quddiemi li jmorru lura għall-intervent li għamel l-Onor. Karl Chircop, bħala x-*shadow minister*. Fid-diskors tiegħu qal testwalment li dan il-bord tal-koperativi għandu poteri omnipotenti. Imbagħad bħas-soltu - għax l-Onor. Membru għandu ħabta jiżloq fuq qoxra x'imkien fit-tarf tad-diskors tiegħu, li normalment ikun diskors pożittiv - dawwar l-argument billi qal li issa għandna bord omnipotenti li jiġbed il-ħabel tal-Partit Nazzjonalista. Jiena hawnhekk nibda nrodd is-slaleb, Sur President, għax dawn sħabna tan-naħa l-oħra jidher li lanqas biss kellhom id-diċenza jew il-ħin li jippreparaw il-kritika tagħhom għal dan l-abbozz ta' liġi li qegħdin nippreżentaw billi l-ewwel u qabel kollox jaraw minn fejn tlaqna u jifhmu li din il-liġi temenda liġi li diġa' qiegħda fuq il-kotba tagħna.

Għal ġieħna, din il-liġi kienet ġiet ippreżentata fl-1978 minn gvern Laburista. Fiha diġa' ċerti provvedimenti u rridu ngħidu *for the record* li l-liġi kif teżisti llum diġa' tikkomprendi bord tal-koperativi u diġa' tagħti poteri omnipotenti lil dan il-bord. Bl-istess tip ta' argument li għamel l-Onor. Chircop f'din il-Kamra, jien nista` nikkritika lill-oppożizzjoni għax kienu huma li oriġinarjament għamlu bord tal-koperativi. Fl-opinjoni tiegħi dan ta' l-Onor. Chircop mhu xejn ħlief diskors vojt li ma jwassalna mkien għax il-verita' sagrosanta hi li l-klawsoli li għandna fil-liġi l-ġdida jirriflettu l-eżistenza ta' bord tal-koperativi kif maħsub fil-liġi ta' l-1978, pero' issa

introduċejna irfinaturi u titjib fil-funzjoni tal-bord fejn qed nagħmlu bil-kontra ta' dak li qegħdin jgħidulna ta’ l-oppożizzjoni.

Lill-bord tal-koperativi qegħdin kemm jista' jkun innaqqsulu mill-rwol li kellu qabel, ta' bord li jintervjeni f'kollox, jiġġudika kollox u jiddeċiedi meta jinqalgħu kwestjonijiet internament bejn il-membri jew bejn il-koperativi nfushom. Issa se jinża' minn dan kollu li aħna fid-dinja tal-lum nemmnu li m'għandux ikun ir-rwol tal-bord tal-koperativi u nħallulu biss funzjoni regolatorja li aħna nemmnu li hija bżonjuża. Allaħares kelli nisma' mill-pariri li donnhom qegħdin jagħtuna d-deputati ta’ l-oppożizzjoni li dan il-bord qisna għandna nneħħuh. Jekk nagħmel hekk ikun ifisser li qegħdin nieħdu d-deċiżjoni li m'għandux ikun hemm bord li jirregola dan il-qasam koperativ. Naħseb li dan huwa żball u li l-kollegi li tkellmu b'dan il-mod m'għamlux biżżejjed riċerka. Ma naħsibx li huma konxji li din is-sitwazzjoni ssibha anki f'pajjiżi oħrajn fejn għandek awtorita' kompetenti li tirregola l-qasam u tara li l-moviment koperativ fil-fatt jirċievi l-appoġġ li għandu bżonn biex jimxi 'l quddiem, pero' jaħdem f'qafas regolatorju fejn ma jsirux l-iżbalji, fejn il-liġi tiġi segwita' u fejn l-obbligi u d-dmirijiet flimkien mad-drittijiet li ssemmi l-liġi jiġu segwiti mill-koperativi.

Wieħed mill-kelliema kważi akkużani li qed nintroduċi strutturi ġodda. Assolutament ma jien qed nintroduċi l-ebda struttura ġdida f'dan il-qasam. Il-bord tal-koperativi ilu jeżisti sa mit-twaqqif ta' din il-liġi fl-1978. Aħna anzi qegħdin innaqsulu mill-poteri li għandu u nħalluh biss fil-funzjoni regolatorja tiegħu. Naħseb li dan huwa punt pożittiv u f'din is-sitwazzjoni ma nistgħux naslu biex nagħmlu proposta għal titjib fil-liġi tal-koperativi li żżarma l-istrutturi tal-koperativi. Li tħalli l-moviment koperativ jitlaq kompletament għal rasu hija ħaġa pożittiva u jiena nixtieq narah dejjem jieħu inizjattivi ġodda, pero' huwa fatt ukoll li f'pajjiżna jrid ikun hemm xi ħadd li m'għandux *a vested interest* fil-qasam partikolari li jkun qed jirrappreżenta u li dan ix-xi ħadd ikun oġġettiv biżżejjed li jħeġġeġ it-twaqqif ta' koperativi ġodda.

Jekk inħallu s-sitwazzjoni kif inhi, naturalment koperativi li diġa' huma stabiliti ma naħsibx li se jagħmlu ħilithom kollha biex iħeġġu t-twaqqif ta' koperativi oħrajn fl-istess linja tan-negozju tagħhom. Dan huwa sens komun u allura ħsibna fil-liġi biex ikollna struttura t'appoġġ u għajnuna lill-koperativi eżistenti u dan qed nagħmluh fil-forma ta’ l-*APEX*. Bir-rikonoxximent ta’ l-*APEX* fil-liġi, issa għandha din il-funzjoni ewlenija, ċentrali u importanti li ssostni l-koperativi li aħna għandna llum, tgħinhom f'dan l-ambjent kompetittiv, tagħtihom it-taħriġ u l-informazzjoni li hemm bżonn biex ikunu jistgħu jikkompetu, tgħinhom jekk jgħaddu minn mument ta' kriżi u tissuġġerilhom min huma l-esperti li jistgħu iqabbdu biex jgħinuhom f’mument ta' diffikulta' jew f'mument fejn jistgħu jkunu iktar kompetittivi.

Sur President, għandna struttura ta' appoġġ għall-koperativi eżistenti magħmula minn rappreżentanti tal-koperativi eżistenti stess u magħżula b'mod demokratiku. Dan huwa tajjeb pero' fl-istess ħin irridu li jkollna xi ħaddieħor. Dan xogħlu jkun li jara li l-moviment koperativ jikber u li jinħolqu koperativi ġodda li jkunu viabbli u jistgħu jirrispondu għall-bżonnijiet ta’ l-ekonomija mhux biss mill-aspett purament ekonomiku imma anki mill-aspett soċjali, kif kelli l-opportunita' ngħid meta introduċejt din il-liġi. Allura għażilna apposta din il-funzjoni separata għall-bord tal-koperativi li għandu d-dmir jirregola l-qasam koperativ u fl-istess ħin iħeġġeġ it-twaqqif ta' koperativi ġodda.

Naturalment forsi qed nissimplifika proċess li hu ftit iżjed ikkumplikat iżda, biex jifhmuni dawk li qed isegwu dan id-dibattitu u nevita li nidħol f’dettalji tekniċi li 'l quddiem se nidħlu fihom meta naslu fl-istadju ta’ kumitat ta' din il-liġi, qed ngħid li dan il-bord għandu funzjoni u l-*APEX* għandha funzjoni oħra. Ma naċċettax il-kritika li jiena qed nagħmel bord omnipotenti, anzi din l-

akkuża nixħetha lura lill-oppożizzjoni u ngħid li sakemm kienu huma fil-gvern ħallew bord omnipotenti. Bil-kontra ta' dan, lil dan il-bord aħna qegħdin innaqqsulu mill-omnipotenza tiegħu u qegħdin inpoġġuh fuq *platform* fejn għandu d-dmir li jirregola dan il-qasam fl-interess tal-koperativi kollha kemm huma. Wara kollox dan l-abbozz ta' liġi għadda minn proċess ta' konsultazzjoni u fil-maġġoranza l-kbira tiegħu jirrapreżenta opinjonijiet li l-koperativi Maltin kollha kellhom iċ-ċans jivverifikaw u jikkumentaw fuqhom u jissuġerixxu emendi.

Dan l-abbozz ta' liġi jinkludi numru kbir ta' emendi li ġew proposti mill-koperativi nfushom u dan hemm bżonn li nenfasiżżah biex ħadd ma jieħu l-impressjoni li ġejna f'din il-Kamra b'xi abbozz ta' liġi ta' l-għaġġla. Min-naħa tal-gvern dan l-abbozz ilu lest sena u domna sena biex nippreżentawh quddiem din il-Kamra għaliex ridna li jgħaddi minn proċess ta' konsultazzjoni mal-koperativi kollha eżistenti. Għadda minn dak il-proċess, saret lista twila ta' suġġerimenti għal emendi u dawn l-emendi ġew fil-biċċa l-kbira aċċettati. Infatti żewġ suġġerimenti jew tlieta biss ma ġewx aċċettati, inkluż li l-bord tal-koperativi prattikament ma jkollu x'jaqsam xejn mad-dmir li hu jinkoraġġixxi t-twaqqif ta' koperativi ġodda. Jiena jiddispjaċini iżda fuq linja ta' *policy* din ma' naqbilx magħha għax l-uniku bord li jista' jkollu d-dedikazzjoni, l-impenn, id-dmir u l-obbligu impost fuqu li jħeġġeġ it-twaqqif ta' koperativi ġodda għandu jkun il-bord tal-koperativi. Dak l-ewwel punt.

Hemm punt ieħor li baqa' mdendel u qed nirriferi għal dak li ressquli l-*APEX*. Diġa' rringrazzjajthom u nerġa' nirringrazzjahom minn hawn għall-għajnuna, għall-*expertise* u għas-*support* tagħhom tul il-proċess kollu biex wasalna s'hawn. Imma madankollu nirreġistra wkoll il-fatt li l-*APEX* m'humiex jaqblu mal-pożizzjoni tal-gvern fuq il-kwestjoni tal- fond ċentrali. Is-suġġeriment ta' l-*APEX* hu li l-gvern ma jkollu x'jaqsam xejn mal-fond ċentrali, dak il-fond fejn titqiegħed parti tal-qligħ li jkunu għamlu l-koperativi biex imbagħad dan jintuża' għall-iskopijiet imsemmija fil-liġi. Wara li ħadt pariri mingħand min kelli nieħu l-pariri, jiena deherli li qegħdin f'sitwazzjoni fejn nista' innaqqas il-preżenza tal-gvern, fis-sens li taħt il-liġi l-antika hemm id-dritt li l-gvern jagħmel iċ-*chairman* u hemm id-dritt li jkollu numru ta' rappreżentanti, u dan jien qed naċċetta li nnaqqsu b'mod sostanzjali.

Fl-opinjoni tiegħi pero' ma jidhirlix li llum qegħdin fil-mument fejn nista' nneħħi kompletament il-preżenza tal-gvern minn dan il-bord li jamministra l-fond ċentrali. Sal-ġimgħa li għaddiet, waqt l-aħħar kuntatt li kelli mar-rappreżentanti ta' l-*APEX,* bqajt ngħidilhom li jiena nibqa' miftuħ għal suġġerimenti, pero' l-pożizzjoni tiegħi f'dan il-mument hi li se nnaqqas il-preżenza tal-gvern imma mhux se neliminaha kompletament. J'Alla jekk l-affarijiet jiżviluppaw kif nittamaw li għandhom jiżviluppaw, b'din il-liġi naslu fil-mument fejn il-gvern ma jkunx qed iħoss iktar il-ħtieġa li jkun preżenti fl-amministrazzjoni tal-fond ċentrali. Niġi għall-aħħar punt li ssemma' minn xi ħadd mill-kollegi tiegħi ta' l-oppożizzjoni, Sur President.

Għall-fatt li l-metodu tal-koperativi huwa fih innifsu proċess li jġib nies individwali flimkien biex huma flimkien imexxu n-negozju tagħhom 'il quddiem, qamet il-mistoqsija jekk dan imurx b'xi mod jew ieħor kontra provvedimenti oħrajn fil-liġi li għandna dwar *fair trading*. Dan il-punt issemma' in konnessjoni ma' deċiżjoni li ngħatat ftit tax-xhur ilu fir-rigward ta' proċess quddiem it-tribunal li huwa risponsabbli li jara li jkun hawn kompetizzjoni ġusta f'pajjiżna. Dan il-punt dħalna fih fid-dettal matul ix-xhur li għaddew. Bqajna għaddejjin bil-konsultazzjonijiet proprju sa ħmistax ilu u reċentement ħadna wkoll pariri minn esperti fil-qasam koperativ u fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni minn barra minn Malta. Issa qegħdin f'pożizzjoni li meta jibda l-istadju ta' kumitat fuq din il-liġi, inkunu nistgħu nippreżentaw emendi li nittama li jiċċarraw darba għal dejjem il-pożizzjoni f'dan il-każ għaliex ma rridux li jkun hawn dan il-konflitt bejn il-liġi tal-kompetizzjoni u l-liġi tal-koperativi. Irridu li l-kunċett tal-koperativi jimxi 'l quddiem, pero'

naturalment irridu wkoll li niggarantixxu li l-konsumatur ikun qed jirċievi servizz xieraq mingħand il-koperativi. Aħna qegħdin nippruvaw insibu din it-triq ta' soluzzjoni li tissodisfa ż-żewġ kriterji bl-emenda li se nippreżentaw fl-istadju ta' kumitat. Dawn kienu l-punti ewlenin f'dan id-dibattitu, Sur President. Nerġa' nirrepeti li fl-opinjoni tiegħi kien dibattitu ġeneralment kostruttiv u pożittiv.

Nieħu pjaċir li għal darba oħra kellna l-appoġġ taż-żewġ naħat tal-Kamra. Din ngħoddha b'oħra fil-lista u nittama li fl-istadju ta' kumitat inkunu nistgħu flimkien inkomplu ntejbu din il-liġi, anki b'emendi oħrajn li beħsiebna nressqu biex inkunu fassalna qafas leġislattiv aħjar, li allura jkun jippermetti lill-moviment koperativ li jkompli jikber. Grazzi.

**THE DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jipprovdi għat-Twaqqif, Reġistrazzjoni u Kontroll ta' Soċjetajiet Koperativi u dwar Ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma anċillari għalihom", ikun moqri t-Tieni Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Il-mozzjoni għaddiet nem.con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tieni Darba*

**THE DEPUTY SPEAKER:** Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI :** Nipproponi li dan l-istess Abbozz ta' Liġi jiġi mibgħut quddiem il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

**THE DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ANTOINE MIFSUD BONNICI (Segretarju Parlamentari) :** Nissekonda.

**THE DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jipprovdi għat-Twaqqif, Reġistrazzjoni u Kontroll ta' Soċjetajiet Koperativi u dwar Ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma anċillari għalihom", jiġi mibgħut quddiem il-kumitat għall-Kondizzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Il-mozzjoni għaddiet nem.con.*